# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis 30 ta' Marzu, 2023**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 452/21 JVC**

L-Avukat Dr Marlon Borg (K.I.304189M) bhala l-mandatarju specjali tal-assenti Michael Debono Mrden (K.I.199688M)

**Vs**

Direttur tar-Registru Pubbliku

**Rikors guramentat ta' l-avukat Dr. Marlon Borg (K.I. 304189M) nomine:**

'Jesponi bir-rispett u bil- gurament tieghu l-avukat Dr Marlon Borg (K.I. 304189M) bhala l-mandatarju specjali ta' Michael

Debono Mrden (K.I. 199688M), kif awtorizzat permezz ta' prokura, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata **"Dok.MDM6"**, jikkonferma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti Michael Debono Mrđen mwieled Debono huwa ta' nazzjonalita' Maltija mwieled hawn Malta nhar it-22 ta' April 1988 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u mmarkat bhala **"Dok MDM1"**;

2. Illi r-rikorrenti u l-mara tieghu Victoria Mrđen iccelebraw iz-zwieg taghhom nhar is-17 ta' Gunju 2017 fil-Kroazja, fejn ir-rikorrenti flimkien ma kunjomu "Debono" assuma wkoll kunjom martu ossija "Debono Mrđen" u dan kif jirrizulta mill- att taz-zwieg Kroat anness u mmarkat bhala **"Dok MDM2 " ;**

3. Illi r-rikorrenti rregistra l-att taz-zwieg tieghu *ai termini* ta'artikolu 244 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jistipula li kull att ta'zwieg ta' cittadin Malti maghmul jew irregistrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz jista' jigi rregistrat f'dawn il- Gzejjer *"bl-istess mod bhal li kieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu";*

4. Illi r-registrazzjoni tal-att taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta huwa inkorett u zbaljat in kwantu illi kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bhala "Debono Mrden" minflok "Debono Mr**<u>đ</u>**en " ghal kuntrarju ta' dak stipulat fl-att taz-zwieg Kroat, u dan kif jidher fl-att taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta anness u mmarkat bhala "**Dok MDM 3**",

**<u>Raguni tat-talba :</u>**

1. Illi r-rikorrenti intavola dawn il- proceduri sabiex jitlob il-korrezzjoni ta' kunjom abbazi ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jaghti d-dritt li kull persuna taghmel talba gudizzjarja lill-Qorti ghall-korrezzjoni jew kancellament ta' registrazzjoni bhal dik in ezami fir-rikors odjern u cioe' tal-att taz-zwieg tar-rikorrenti;

2. Illi skond il-gurisprudenza nostrana, din it-tip ta' talba tista' ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat;

**3.** Illi huwa evidenti illi c-certifikat taz-zwieg mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta jinkludi zball abbazi tal-fatt illi l-ittra **"đ"** f'kunjom ir-rikorrenti tnizlet bhala l-ittra "d", u konsegwentament mhux qed jirrifletti jew jikkorispondi mal-att taz-zwieg Kroat ghad-dannu tar-rikorrenti;

4. Illi per konsegwenza ta' dawn id-dokumenti kollha mahrugin mill-awtoritajiet ta' Malta, fosthom il-passaport tar-rikorrenti, jirreferu ghal-istess bhala "Michael Debono Mrden" minflok "Michael Debono Mr**đ**en", u ghalhekk is-sitwazzjoni attwali mhux biss qed tohloq inkonvenjenza ghar-rikorrenti, izda wkoll konfuzjoni ghal-awtoritajiet kompetenti f'pajjizi ohra partikolarment waqt l-ivvjaggar;

5. Illi evidentement, fil-kaz odjern ir-Registru Pubbliku ta' Malta kien zbaljat meta ma rriproducix dak li kien hemm imnizzel fl-att taz-zwieg Kroat kif gie ben spjegat aktar l'fuq f'dan ir-rikors. Illi dak li kellu jaghmel ir-Registru Pubbliku huwa li jipproduci bl-ezatt dak li kien hemm imnizzel fic-certifikat esteru lilu pprezentat mir-rikorrenti,izda minflok, b'mod arbitrarju u skorrett ghall-ahhar, irregistra l-kunjom b'mod hazin kif gie spjegat. B'konsegwenza ta' dan ir-Registru Pubbliku naqas milli josserva l-provvedimenti tal-ligi relattivi;

6. Illi din l-ittra "**đ"** u l-ittra "d" m'ghandhom l-ebda xebh fontetiku u konsegwentament kunjom ir-rikorrenti inghata xejn totalment differenti kif ha jigi spjegat waqt il- morri tal-kawza;

7. Illi r-rifjut da parti tal-intimat li jirrikonoxxi kunjom miksub permezz ta' zwieg iccelebrat barra minn Malta f'pajjiz fejn l-awtoritajiet kompetenti hargu att ta' zwieg huwa sintomu tal-vessazzjoni, oppressjoni,u diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti;

8. Illi pertinenti jinghad illi ricentement, ir-Registru Pubbliku beda finalment jirregistra ismijiet b'ittri partikolari ghall-alfabett Malti. L-esponenti ma jistax jifhem kif ir-Registru jista' jibda jirrifjuta illi jirrikonoxxi ittri ohrajn fl-alfabett latin illi jintuzaw minn pajjizi ohra, u konsegwentement jibqa inadempjenti fl-obbligi tieghu illi jirrikonoxxi u jirregistra atti li saru jew gew registrati minn awtorita' kompetenti f'pajjiz esteru;

*9.* Illi minkejja diversi interpellazjonijiet bonarji lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ssir il-korrezzjonijiet rimedjali u anke permezz ta' Ittra Ufficjali, l-istess intimat mhux talli baqa' inadempjenti izda talli rrifjuta illi jindirizza s-sitwazzjoni *de quo.* Ghall kull buon fini l-interpellazzjonijiet huma annessi u mmarkati bhala "**Dok MDM4**"u "**Dok MDM5"** rispettivament;

*10.*Illi *di fatti,* ir-rifjut da parti tal-intimat sabiex jaghmel l-korrezzonijiet relevanti jammonta wkoll ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem *ai termini* tal-artkolu 8 u 14 tal- Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-arikolu 32 u 45 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u f'dan ir-rigward, l-esponenti jirrizerva illi jipprocedi ulterjorment;

11. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kellux ghazla ohra ghajr li jintavola dawn il-proceduri sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu.

Ghaldaqstant, permezz tal-prezenti u ghar-ragunijiet fuq imsemmija , ir-rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kunjom ir-rikorrenti huwa dak skont l-att taz-zwieg Kroat u cio "Debono Mrđen ";

2. Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni l-att taz-zwieg Malti fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti ghandu jaqra"Debono Mrđen" minflok Debono Mrden";

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a tenur tal-artikolu 253 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaffetwa l-korrezzjoni mehtiega fuq l-att taz-zwieg Malti sabiex jaqra "Debono Mrđen" bl-ghan li jirrifletti kunjomu fl-intier tieghu u jikkorispondi mal-att taz-zwieg Kroat;

4. Tordna l-Konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaffetwa l-korrezzjonijiet fuq kwalunkwe att civili iehor illi jirrifletti l-istess zball inkluz il- passaport tar-rikorrenti;

5. Tordna lir-Registratur tal-Qrati jinnotifika lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku b'kopja tas-sentenza sabiex jaffetwa d-debiti korrezzjonijiet fiz-zmien ghaxar t'ijiem minn dak uin-nhar tghaddi f'gudikat skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta'Malta.

Bl-ispejjez fil-konfront tal-intimat, inkluz tal-ittra ufficjali.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi :

'Jesponi bil-qima u l-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur, bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li gej:

1. Illi fl-ewwel lok, tajjeb li jinghad illi r-rikorrenti ghandu rimedju ordinarju iehor quddiem il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nuutarili ai termini tal-artikolu 257 tal- Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi a termini tal-**artikolu 254 tal- Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta**, ghandha ssir d-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza odjerna fil-Gazzetta tal- Gvern minn tal-inqas hmistax il- gurnata qabel tali smigh;

3. Illi preliminaarjament, stante illi r-rikorrent qed jaghmel referenza ghall-att taz-zwieg tieghu, u tenut kont tal-fatt illi l-lanjanzi tieghu jikkoncernaw il-kunjom Mrđen, li huwa kunjom Kroat illi r-rikorrent assuma a bazi taz-zwieg tieghu ma' martu Viktoria, l-esponent huwa tal-umli fehma illi mart ir-rikorrent kellha tkun partecipi f'dawn il-proceduri u li konsegwentement, la darba mhijiex partecipi fil-proceduri odjerni, il- gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ma jistax ikun wiehed integru, billi f'kaz li jintlaqghu it-talbiet attrici kif dedotti, ir-rizultat ser ikun koppja mizzewga b'kunjomijiet miktubin differenti minn xulxin;

4. Illi preliminarjament ukoll, ghal dak li jikkoncerna l-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill- fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-kaz odjern kienet saret talba ghar-registrazzjoni ta' att taz-zwieg esteru, liema att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.DRP1'. F'tali kaz, id-Direttur konvenut jissottolinea illi registrazzjoni ta'att ta' stat civili ssir a termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet l-informazzjoni mill-Att esteru u jirregistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti;

6. Illi mill-att taz-zwieg esteru riprodott fl-att taz-zwieg lokali bin-numru 1756/2017, hawn anness u mmarkat "Dok.DRP2', jirrizulta illi r-rikorrent ghazel li juza l-kunjom Debono Mrđen filwaqt illi martu ghazlet li tuza l-kunjom Mrđen Debono wara z-zwieg. Billi l-kunjom Mrđen fih il-karattru "đ", illi la jafforma parti mill-alfabett Malti u lanqas minn dak ingliz, il-kunjom tar-rikorrenti fl-att taz-zwieg bin-numru 1756 tas-sena 2017 kif insinwat mid-Direttur intimat gie mnizzel bhala Mrden.

7. Illi d-Direttur intimat diga' wiegeb ghat-talbiet tar-rikorrent, kemm permezz ta' ittra bonarja kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali -vide l-ittri hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok.DRP 3' u Dok. DRP 4', rispettivament. Ir-rikorrent kien gie nfurmat illi t-talba tieghu ma tistax tintlaqa' stante illi din l-ittra "đ" hija karattru specjali illi ma jezistix fil-lingwa Maltija u Ingliza, u kien infurmat ukoll illi meta ssir traduzzjoni ta' atti li jkollhom dawn it-tip ta' ittri b'accent

fuqhom, il-prassi hija illi t-traduzzjoni tiehu hsieb li tittraduci l-hoss fonetiku tal-ittra kkoncernata, f'liema kaz id-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun jista' jirregestra t-traduzzjoni b'dik il-verzjoni;

8. Illi fl-umli fehma tal-esponent, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent hekk kif dedotti, u tordna illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra l-ittra 'đ', liema ittra hija ghal kollox aljena ghall-alfabett Malti u ingliz, ikun qed jinholoq precedent perikoluz stante illi jezistu diversi karattri ohrajn, f'lingwi ohrajn. A skans ta' ekwivoci , qed ikun ikkjarifikat illi karattri illi huma aljeni ghall-alfabett Malti u Ingliz ma jiffurmawx parti mis-sistema tar-Registru Pubbliku, u dan effetivament ifisser illi parti mill-prattika, huma impossibli illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu akkomodati;

9. Illi in oltre, ir-rikorrent qed jaghmel talbiet li jikkoncernaw ittra specifika fl-alfabett Kroat u jinjora ghal kollox ittri ohrajn f'lingwi ohrajn. Fl-umli fehma tal-esponent, l-akkoljiment tat-talbiet attrici jista' jwassal ghal trattament diskrimitatorju fil-konfront ta' lingwi ohrajn illi ma jinkitbux skont l-alfabett Malti jew Ingliz;

10. Illi l-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jistipola illi l-ilsien Malti huwa l-ilsien Nazzjonali ta' Malta, filwaqt illi l-ilsien Malti u l-ilsien Ingliz huma l-ilsna ufficjali ta' Malta. Isegwi ghalhekk li sakemm il-Parlament , b'ligi mghoddija b'mhux anqas minn zewg terzi tal-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati ma jippreskrivix li ghandhom jizdiedu lingwi ohrajn, bhall-Kroat, mal-Malti u l-Ingliz, l-obbligi tad-

Direttur intimat ikunu mwettqin kemm il- darba jipproduci atti miktubin bl-ilsna ufficjali tal-pajjiz;

11. Illi in vista tal-premess , l-esponent huwa tal-umli fehma illi t-talbiet tar-rikorrent ma jimmeritawx illi jigu akkolti minn din l-Onorabbli Qorti;

12. Illi fir-rigward tar-raba' talba tar-rikorrent, ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili , korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-atti tal-istat civili relattivi ghall-persuna u, fejn ikun hemm, ghall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il- persuna, liema atti jridu jigu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva taghhom. Illi ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti ghandu jispecifika liema huma dawn l-atti permezz tan- numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

13. Illi in kwantu ghat-talba tar-rikorrent sabiex ikun hemm tibdil rifless fil-passaport tieghu, l-esponent jirrileva li ai termini tal-Artikolu 253 tal- Kodici Civili, korrezzjoni tista' ssir biss fl-atti tal-istat civili relattivi u mhux f'dokumenti ufficjali. F'kaz illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna li jsiru l-annotazzjonijiet fl-atti relattivi, kwalunkwe passaport li jinhareg wara li jsiru tali annotazzjonijiet, jinhareg bid-dettalji kif korretti fl-atti tal-istat civili tieghu b'mod awtomatiku;

14. Illi finalment u minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tal-

esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti ;

15.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat li a fol. 49 saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi u b'hekk giet sorvolata l-eccezzjoni preliminari tal-intimat.

Rat illi fil-verbal datat 3 ta' Novembru, 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirrikonoxxi li l-kunjom li huwa addotta meta zzewweg huwa dak ta' 'Debono Mrđen' u mhux 'Debono Mrden' kif tnizzel mid-Direttur intimat fil-mument li z-zwieg tar-rikorrenti gie registrat mad-Direttur intimat. Jitlob ghalhekk li l-Qorti tordna l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fic-certifikat in kwistjoni sabiex jigi rifless il-kunjom kif mitub korrettement.

Id-Direttur intimat appart eccezzjonijet preliminari, jissottometti li mhux possibbli li dak li qed jitlob ir-rikorrent isir stante li s-sistema ta' 'software' uzat mid-Dipartiment tieghu ma tippermetttix l-introduzzjoni fiha tal-ittra Kroata 'đ'u li kieku kellu jaghmel hekk dan jikrea wkoll diversi problemi

internazzjonalment. Id-Direttur intimat jeccepixxi wkol lli huwa obbligat li jiprovdi registrazzjoni bil-lingwa Ingliza jew Maltija stante li dawk huma l-lingwi nazzjonali rikonoxxuti f'Malta. Jzid ukoll li ntuzat l-ittra 'd' fir-registrazzjoni flok l-ittra 'đ' ghaliex isostni li hija l-aktar wahda vicin anki fonetikament l-ittra 'đ'.

Illi mil-lat ta' provi l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat tar-rikorrent fosthom ic-certifikat tat-twelid tieghu a fol. 31 tal-process u c-certifikat taz-zwieg Kroat flimkien mat-traduzzjoni ghal-lingwa Ingliza a fol. 32 et seq tal-process. Minn dan ic-certifikat il-Qroti rat li effettivament maz-zwieg il-mara u r-ragel ghazlu li jiehdu kunjom xulxin stante li jaqra kif isegwi:

'The groom and the bride have agreed to take each other's surname and add them to their own. The grooms new surname is Debono Mrđen and the Bride's new surname is Mrđen Debono.'

Rat li dan ic-certifikat taz-zwieg igib id-data tal-21 ta' Gunju, 2017.

Rat ic-certifikat ta' registrazzjoni taz-zwieg tar-rikorrent mahrug mid-Direttur intimat a fol. 36 tal-process u minn dan jirrizulta li effettivament id-Direttur intimat ma rrikonoxxiex fuq l-istess certifikat li l-kunjom addottat mir-rikorrent kien dak ta' Debono Mrđen' u minflok nizzel 'Debono Mrden'. Dan anki ghaliex id-Direttur intimat indika kunjom il-mara bhala 'Mrden' u mhux 'Mrđen' kif indikat fic-certifikat taz-zwieg Kroat.

Rat l-ittra mibghuta mir-rikorrent lill-Agenzija Identity Malta datata 2 ta' Novembru 2017 li permezz taghha huwa gab dan l-izball a konjizzjoni tal-istess Agenzija u talab li din l-anomalija tigi ndirizzata altrimenti kien ser imexxi fil-Qorti.

Rat l-ittra ulterjui mibghuta mill-Avukat Marlon Borg datata 15 ta' Jannar, 2018 a fol. 18 tal-process fejn ghal darb'ohra l-Agenzija Identity Malta regghet giet interpellata sabiex tindirizza l-izball altrimenti r-rikorrent kien ser jipprocedi gudizzjarjament.

Rat ukoll it-tielet ittra ta' nterpellazzjoni a fol. 19 datata 29 ta' Marzu, 2021 u l-konsegwenti ittra ufficcjali indirizzata lill-Identity Malta Agency, Direttur tar-Registru Pubbliku, Ufficju tal-Prim Ministru u Avukat Generali datata 27 ta' Marzu 2018 a fol. 20 tal-process. Permezz tal-ittra ufficcjali dawn l-awtoritajiet gew interpellati sabiex jiprovdu rimedju fi zmien tletin gurnata.

Rat il-kopja tal-att li permezz tieghu gie registrat iz-zwieg f'Malta kif miktub u mhux dattilografat (fol. 44) fejn minnu wkoll jirrizulta li min irrediga dan l-att kiteb il-kunjom 'Mrđen' bhala 'Mrden' minghajr ebda rikonoxximent fuq l-att li ittra mill-kunjom ma kinitx qed tinkiteb kif originarjament murija fic-certifikat taz-zwieg Kroat.

Rat l-ittri reponsivi mibghuta mill-Agenzija Identity Malta lir-rikorrent dwar il-kwistjoni fejn in succint ir-rikorrent gie nfurmat li l-ligi kif inhi sallum ma kinitx tippermetti lill-Awtoritajiet jaghmlu l-korrezzjoni miktuba fil-kunjom u li sabiex isiru l-korrezzjonijiet kellu jkun hemm ordni tal-Qorti li tawtorizza tali korrezzjoni. Fl-istess ittri ndikat ukoll li meta jkun hemm registrazzjoni b'ittra mhux rikonoxxuta fl-alfabett Malti jew Ingliz il-prassi hi li fir-registrazzjoni jigi riprodott il-hoss fonetiku tal-ittra u mhux l-ittra proprio.

Il-Qorti rat li r-rikorrent **Michael Debono Mrđen** xehed permezz ta' affidavit a fol. 53 tal-process. Fl-affidavit tieghu huwa jghid illi

ghalkemm meta zzewweg huwa ghazel li jiehu l-kunjom 'Debono Mrđen' id-Direttur intimat ghazel li jirregistra kunjomu fl-att taz-zwieg bhala 'Debono Mrden' u b'hekk sar zball. Jispjega li fonetikament il-kunjom 'Mrđen' jinqara 'M'rġen' u mhux 'M'rden' ghalhekk fonteikament ukoll il-kunjom kif registrat Malta huma totalment differenti minn kif originarjament registrat fl-att taz-zwieg originali. Izid li fil-Germanja gie wkoll irregistrat l-att taz-zwieg tieghu u nonostante li fil-Germanja l-lingwa ufficjali hija dik Germaniza xorta wahda huwa gie korrettement registrat bil-kunjom 'Mrđen'. Jixhed li fil-Kroazja huwa jsibha difficli u jiddejjaq juri d-dokumentazzjoni Maltija minhabba l-izball. Sahansitra gradwa fil-Germanja u c-certifikat juri l-kunjom miktub hazin ghar-raguni li ma setax jaghti karta tal-identita' jew passaport Malti li juri l-kunjom miktub korrettement. Izid li fl-atti kollha ta' kuljum u ohrajn qed ikollu hafna inkonsistenzi f'kunjomu rizultat tal-izball li sar mid-Direttur intimat. Jghid fuq il-portal tal-E-ID Malti kunjomu huwa mnizzel tajjeb u cioe 'Debono Mrđen' (ara dokument a fol. 57). Jinsisti li kunjom huwa nom u ghalhekk mhix kwistjoni ta' rikonoxximent ta' lingwa f'pajjiz izda kif inhu miktub ghandu jigi kkupjat u redatt f'certifikat. Isostni li jaf b'kazijiet ohra fejn ittri barranin gew fil-fatt rikonoxuti mid-Direttur intimat u jaghti ezempju fl-affidavit. Jemfasizza li l-izball fil-kunjom qed jikkrealu pregudizzju serju li ilu jsofri erba' snin mid-data taz-zwieg tieghu.

Ir-rikorrent xehed ukoll in kontro-ezami a fol. 104 et seq tal-process fejn rega' kkonferma tista' tghid dak li xehed fl-affidavit tieghu u wkoll il-frustrazzjoni tieghu li sa miz-zwieg huwa rikonoxxut b'kunjom li jsostni li huwa differenti f'Malta minn kif huwa rikonoxxut fil-Germanja u l-Kroazja. Jinsisti li ghalkemm fid-dokumentazzjoni Germaniza, ghaliex huwa issa cittadin Germaniz, ismu huwa rikonoxxut bl-ittra 'đ' huwa xorta jinsisti li

ghandu jkollu l-possibilita' li juza d-dokumentazzjoni korretta Maltija ghaliex huwa Malti.

Mart ir-rikorrent **Victoria Mrđen Debono** fl-affidavit taghha a fol. 59 tikkonferma dak kollu li jixhed l-istess rikorrent.

Rat ukoll l-affidavit ta' **Maja Brown Blagojevic** a fol. 63 et seq tal-process fejn hija tiddikjara li hija 'certified court interpeter'u esebiet rapport dwar il-pronunzja tal-ittri 'd' u đ'. Fir-rapport taghha hija tiddikjara kif isegwi:

' . . . do declare and attest that there is no interchangeability between letters (D/d) and (Đ/đ) in the Croatian/Serbian Languange. In the Absence of Croatian characters, letter (Đ/đ) is often transcribed as (dj), the latter verson being common in the daily use of the Croatian language.

Phonetically speaking, letter 'Đ/đ' is ponounced as (dj) in IPA (international Phonetic alphabet), whilst letter 'D/d' is, just in the English languange, pronounced as (d) in IPA nomenclature.

Therefore, there is a clear distinction between these letter and sounds, i,e, they are dissimilar orthographically and phonetically.

A non-native speaker may find comparison between the pornunciation of jam and door helpful in making this distinction, the former proncuniation of 'j' being similar to Croatian 'đ'.'

Rat ix-xhieda ta' **Amanda Grech** 'Unit Coordinator' ma' Identity Malta a fol. 66 tal-process li esebit id-dokument a fol. 66 AG 1 li fuqu jidher car li r-rikorrenti kiteb kunjomu bid-Đ izda spjegat illi kieku nsista li din titnizzel hekk fuq ic-certifikat ir-registrazzjoni ma kinitx issir. Il-Qorti tara minn din ix-xhieda li r-rikorrent ma nghata ebda ghazla meta mar biex jirregistra z-zwieg tieghu gewwa Malta u cioe' jew jirregistra minghajr l-ittra Đ jew xejn. Fil-fatt ir-rikorrenti in kontro-ezami dwar dan jixhed:

'Stajt immur id-dar minghajr ma niffirma u kont biqa' bla certifikat sal-lum ghax ismi huwa miktub hazin.'

Il-Qorti ghalhekk tqis li dan id-dokument gie ffirmat mir-rikorrent ghaliex ma kellux ghazla ohra mhux ghax hekk ried.

Din ix-xhud tispjega wkoll li f'dan il-kaz partikolari d-Direttur ma kellux bzonn traduzzjoni ghall-Ingliz stante li c-certifikat taz-zwieg Kroat provdut huwa wiehed internazzjonali u jipprovdi ghodda fih innifsu biex jigi tradott.

Rat li d-Direttur intimat da parti tieghu ressaq bhala xhieda lilu nnfisu u cioe' x-xhieda ta' **Vincent Sladden** permezz ta' affidavit a fol. 72 et seq tal-process. Fix-xhieda tieghu huwa jispjega li rrikonoxximent tal-ittra 'đ' kif qed jitlob ir-rikorrent mihiex semplicement li taghfas buttuna fuq *keyboard* izda s-sistema tar-registrazzjoni fir-Registru Pubbliku u cioe' s-'software' hija wahda kumplessa hafna u sal-lum ma tiprovdix sabiex jintuzaw fiha ittri oltre dawk tal-alfabett Ingliz u Malti. Izid li anki l-ittri fl-alfabett Malti gew introdotti recentement u dan involva bidla sostanzjali fis-'software' li saret mill-Agenzija MITA. Jemfasizza wkoll li z-zieda ta' karattri partikolari ta' xi lingwa jaffettwa wkoll l-uzu ta' dokumenti li jintuzaw internazzjonalment. Jixhed li jezisti dokument 9303 tal-ICAO (Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Civili Internazzjonali) li japplika ghal dokumenti ta' vjaggar li jaqraw il-magni u dan jipprovdi karattri ta' sostituzzjoni ghal dawk il-karattri 'unici' f'lingwa partikolari. Jesebixxi flimkien mal-affidavit tieghu diversa dokumentazzjoni fosthom Dokument D a fol. 82 tal-process fejn jindika li l-awtoritajiet Kroati kkonfermaw li skont l-istandard internazzjonali l-ittra Đ tigi tradotta ghall-ittra D:

'in reference to your question regarding the letter „ đ" of Croatian alphabet, and based on the reply by the Consular Department of Ministry of Foreign and European Affairs of the Republic of Croatia, we inform you that the international Standard to be applied is the ICAO 9303.

Based on the names standard of the Croatian letter Đ is transliterated in letter D . . . .'

Il-Qorti rat ukoll in-numru ta' imejls annessi mal-affidavit li permezz taghhom ix-xhud fittex konferma jekk l-ittra Đ kinitx qed tintuza minn dipartiment ohra tal-Gvern Malti u jekk dan setax isir u jidher li r-risposti li nghata kienu kollha fin-negattiv.

Il-Qorti rat ir-referenza li saret minn dan ix-xhud ghad-decizjoni preliminari bin-numru C-391/09 **Malgožata Runevič-Vardyn and Łukasz Paweł Wardyn v Vilniaus miesto savivaldybės administracija and Others** deciz mill-Qorti ta' Gustizzja Ewropeja datat 12 ta' Mejju, 2011 (ara fol. 86 et seq) fejn gie deciz kif isegwi:

**'1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-kunjomijiet u l-ismijiet ta' persuna jistgħu jinkitbu fl-atti tal-istat ċivili ta' dan l-Istat biss f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-lingwa uffiċjali nazzjonali tikkonċerna sitwazzjoni li ma taqax taħt il-kamp tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplementa l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità**

**2) L-Artikolu 21 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**– ma jipprekludix lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jirrifjutaw, filwaqt li jaġixxu b'mod konformi ma' leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-kunjom u l-ismijiet ta' persuna jistgħu jinkitbu fl-atti tal-istat ċivili ta' dan l-Istat biss f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-lingwa uffiċjali nazzjonali, li jbiddlu fiċ-ċertifikati tat-twelid u taż-żwieġ ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu l-kunjom u l-isem tiegħu skont ir-regoli ortografiċi ta' Stat Membru ieħor;**

**– ma jipprekludix lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jirrifjutaw, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwisjtoni fil-kawża prinċipali u filwaqt li jaġixxu b'mod konformi ma' din**

**l-istess leġiżlazzjoni, li jbiddlu l-kunjom komuni għal koppja miżżewġa ta' ċittadini tal-Unjoni, kif jinsab fl-atti tal-istat ċivili maħruġa mill-Istat Membru tal-oriġini ta' wieħed minn dawn iċ-ċittadini, f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-Istat imsemmi l-aħħar, bil-kundizzjoni li dan ir-rifjut ma jikkawżax għall-imsemmija ċittadini tal-Unjoni, inkonvenjenti serji ta' natura amministrattiva, professjonali u privata, ħaġa li għandha tiġi ddeterminata mill-qorti tar-rinviju. Jekk jirriżulta li dan huwa l-każ, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika wkoll jekk ir-rifjut li jsiru tibdiliet huwiex meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprova tiggarantixxi u huwiex proporzjonali għall-għan imfittex leġittimament;**

**– ma jippreskludix lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru milli jirrifjutaw, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwisjtoni fil-kawża prinċipali u filwaqt li jaġixxu b'mod konformi ma' din l-istess leġiżlazzjoni, li jbiddlu ċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor sabiex l-ismijiet tal-imsemmi ċittadin jinkitbu f'dan iċ-ċertifikat b'marki dijakritiċi kif kienu nkitbu fl-atti tal-istat ċivili maħruġa mill-Istat Membru tal-oriġini tiegħu u f'forma li tosserva r-regoli ortografiċi tal-lingwa uffiċjali nazzjonali tal-Istat imsemmi l-aħħar.'**

In kontro-ezami Vincent Sladden jemfasizza li l-parti teknika aktar jistghu jitkellmu fuqha tal-Agenzija MITA minnu izda jinsisti li kieku kellhom idahhlu l-karattri aljeni ghas-sistema tas-CDB, is-sistema centrali tal-Gvern, allura titharbat is-sistema kollha. Dwar is-sitwazzjoni internazzjonalment tar-rikorrent jixhed:

' . . ir-realta hi li jekk inti ghandek certifikat kemm jista' jkun b'karattri biex nghid hekk komuni li jintuzaw internazzjonalment komuni bhal per ezempju il-karattri inglizi, izjed ha jkollok facilita li inti c-certifikat tieghek jigi accettat milli jekk ikollok karattri illi huma sa certu punt specifiki ghal certu pajjiz.' (fol. 130)

Jikkonferma li sabiex ikun jista' jidhol il-karattru partikolari li qed jinsisti fuqu r-rikorrent cioe' l-ittra Đ /đ jrid ikun hemm tibdil sostanzjali fis-sistema ezistenti f'Malta. Izid li anki minn meta dahlu l-karattri Maltin qed isibu bosta problemi fis-sistema kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonalment fejn jintbaghtu 'quieries' fuq certu dokumenti. Jinsisti li l-emfasi saret fuq il-karattri tal-lingwa Ingliza u Maltija ghaliex huma z-zewg lingwi rikonoxxuti tal-pajjiz skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt li saritlu referenza ghad-dokument a fol. 58 fejn jidher karattru bl-accent fir-registru elettorali jsostni li dan id-dokument ma jaqax fil-parametri ta' xoghlu u mihiex l-istess sistema li tintuza minnu. Jixhed ukoll:

'l-Ambaxxata tal-Kroazja, minghalija Ruma, qed jinfurmawna li isma, internazzjonalment, jekk hemm d b'rasha maqtugha, internazzjonalment d normali jew . . d j kif qalet it-translator, mill-Ambaxxata tal-Korazja din, d normali hija accettabli internazzjonalment biex tirreplacja id-d b'rasha maqtugha.' (fol. 138)

Ikompli jixhed:

' . . . il-mentalita taghna dejjem hi li kemm jista' jkun nipproduvu certifikati prattikabbli li inti tista' tuzahom. . . fejn ghandna xi haga internazzjonali, hija recognzied, tista' tintuza fejn tintuza, ma nafx, nippurvaw nuzaw lilha. Ma ghanda ebda oggezzjoni jekk tghogob l-Onorevoli Qorti li taccetta jew x'jismu, jew tigwidana b'dana il-mod, li ahna naghmlu DJ. Li hija apparentament milli nista' nara wkoll D J it-translator . . . tas-sinjuri qalet isma, id-D b'rasha maqtugha tistghu tirreplacejawha b'DJ. M'ghandi l-ebda oggezzjoni. L-aqwa li jien, jekk nigi queried f'Qorti, inkun fejn

inkun, jiena nista naghti riposta ghalfejn ittiehdet dik id-decizjoni . . .' (fol. 138)

Ikompli jzid li huwa ferm aktar facli li jiddahlu  l-ittri 'DJ' milli tinbidel is-sistema kollha.

Rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent a fol. 114 et seq tal-process.  A fol. 115 jesebixxi kopja tal-passaport Germaniz tieghu fejn kunjomu jidher miktub bl-ittra Đ u wkoll kopja tal-karta ta' identita Germaniza fejn kunjomu huwa miktub bl-ittra Đ. Rat ukoll a fol. 117 et seq tal-process il-kuntratt pubbliku datat 12 ta' Ottubru, 2021, li fih kien parti r-rikorren,t fejn huwa gie ndikat bil-kunjom miktub bl-ittra Đ inkluz fl-att ta' nsinwa tal-istess.

Rat ukoll ix-xhieda ta' **Mark Farrugia,** Manager, Searches United (fol.  140 et seq) fejn b'referenza ghar-ricerki fuq isem ir-rikorrent jixhed li s-sistema ma tiehux il-karattru Đ w'ghalhekk l-insinwa titnizzel bl-ittra D u meta ssir ricerka fuq isem ir-rikorrent jitilghu id-dettalji xorta.  Jispjega wkoll li anki l-accenti ma jiddahhlux fis-sistema ghal skop ta' 'search'.  Jixhed ukoll li s-sistema tar-ricerki pubblici hija ntiza sabiex taqdi l-pubbliku Malti u qatt ma kellhom lmenti fuq nuqqas ta' accent jew tikka fuq karattru Malti.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat li jsostni li r-rikorrenti kellu rimedju iehor quddeim il-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili l-Qorti tqis din l-eccezzjoni ghal kollox frivola u vessatorja stante li mill-kumplessita' tal-kaz odjern l-Qorti tqis li kien ikun inutli li r-rikorrent jirrikorri quddiem dik il-Qorti  stante li ndubbjament dik il-Qorti ma setghetx taghti r-rimedju mitlub

lir-rikorrenti in vista tan-nuqqas ta' qbil. Il-Qorti ghalhekk ser tichad l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat.

Illi dwar l-eccezzjoni tad-Direttur intimat li sostna li mart ir-rikorrent kellha tkun ukoll parti minn dawn il-proceduri stante li t-talbiet jaffettwaw certifikat taz-zwieg li huwa taghha wkoll, il-Qorti rat li mart ir-rikorrent xehdet f'dawn il-proceduri u kkonfermat dak li qed jitlob ir-rikorrent b'dana li allura hija qed takkonsentixxi ghal dak mitlub. A skans ta' zieda ta' spejjez u dewmien ulterjuri la darba l-intenzjoni ta' mart ir-rikorrenti hija wkoll cara fl-atti l-Qorti ser tichad din l–eccezzjoni wkoll.

Illi fil-mertu mill-provi jirrizulta li ma hemmx dubju li l-kunjom tar-rikorrent cioe' 'Debono Mrđen' ma giex indikat b'mod ezatt kif jidher fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent Kroat meta saret ir-registrazzjoni tal-istess zwieg f'Malta stante li fil-fatt dan tnizzel bhala 'Debono Mrden'. Irrizulta wkoll li d-Direttur intimat ma kellu bl-ebda hin il-possibilta' fattwalment li jirrimedja billi jbiddel il-karattru 'd' ghal 'đ' stante li s-sistema tas-'software' uzata mid-Dipartiment dan ma tippermettihx. Irrizulta wkoll li l-bidla mill-karattru 'đ'ghal 'd' hija wkoll rikonoxxuta mill-istandards u regoli internazzjonali kif gie sahansitra kkonfermat mill-awtoritajiet Kroati li rrispondew lir-Direttur intimat ghall-kwezit tieghu.

Il-Qorti tiddikjara li tifhem il-frustrazzjoni tar-rikorrent li ma jistax jigi ndikat bil-kunjom korrett tieghu izda minn naha l-ohra din il-Qorti trid tara wkoll l-effett ta' dak mitlub minnu vis' a vis l-interess pubbliku. Il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li ghalkemm mal-ewwel daqqa t'ghajn it-talba tar-rikorrent sabiex tigi nkluza ittra wahda mill-alfabett Kroat fis-sistema tista tidher bhala talba zghira u li forsi ma tirrikjedix wisq sforzi, fil-fatt hareg mill-provi li anki sabiex semplicement dahlu l-karattri Maltin fis-sistema dan

kien process twil hafna u li ma giex minghajr problemi. Ahseb u ara li kieku s-sistema kellha tigi f'sitwazzjoni fejn kull ittra ta' kull alfabett ezistenti fid-dinja kellha tiddahhal fis-sistema inkluz per ezempju l-karattri tal-alfabett gharbi jew Ciniz. Dan qed jinghad ghaliex kieku din il-Qorti kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent odjern, xejn ma jwaqqaf persuna ohra li titlob l-istess jedd li isimha u konjomha jigu miktuba bil-linga u l-karattri ta' alfabetti ohra li mhumiex dawk Malti jew Ingliz. Dan certament jikrea rebus shih fis-sistema.

Il-Qorti rat mill-atti li anki kieku kellha tilqa' t-talba tar-rikorrent u tordna li kunjomu jigi ndikat bl-ittra 'đ', d-Direttur intimat isib ruhu f'sitwazzjoni li ma jistax jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti ghaliex is-sistema ma tippermettilux li jaghmel dan. Il-Qorti fehmet izda li huwa possibbli li l-ittra 'đ' tista tigi rimpjazzata bl-ittri 'dj' biex anki fonetikament il-kunjom jinqara bl-istess pronunzja tal-lingwa Kroata. Rat izda li fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent ma ssottometta xejn dwar il-possibilita' li hija aktar realistika li kunjomu jigi ndikat bhala 'Debono Mrdjen' flok 'Debono Mrđen' b'mod li allura fonetikament dan ikun ferm aktar vicin ir-realta' tal-pronunzjament tal-kunjom bil-lingwa Kroata. Rat izda li kienet l-istess traduttur tar-rikorrent li sostniet li huwa accettabbli li l-ittra 'đ' tigi ndikata bhala 'dj'.

Il-Qorti ghalhekk tqis lil-aktar soluzzjoni ragjonevoli u proporzjonali fic-cirkustanzi li tiehu kont kemm l-interessi tar-rikorrenti kif ukoll dawk pubblici. Ghalhekk ser tiprovdi sabiex fin-nuqqas ta' sistema accessibbli lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha d-Direttur intimat jista' jnizzel minghajr intoppi l-ittra 'đ' fil-kunjom 'Mrđen', ser tghaddi sabiex

tilqa' limitatament it-talbiet tar-rikorrent billi tordna li kunjom ir-rikorrent fid-dokumenti fil-poter tad-Direttur intimat u fejn jirrizulta l-kunjom 'Mrđen' fl-istess dokumenti dan jigi ndikat bhala 'Debono Mrdjen' u ssir annotazzjoni fid-dokument li tindika r-raguni ghalfejn il-kunjom gie ndikat bhala 'Debono Mrdjen' u mhux 'Debono Mrđen' u cioe' li l-ittri 'dj' qed jirrimpjazzaw l-ittra 'đ' fuq ordni tal-Qorti stante li s-sistema Maltija ma tippermettix l-indikazzjoni ta' din l-ittra partikolari. F'kaz li fil-futur is-sistema uzata mid-Direttur intimat tibda tippermetti li jiddahlu karattri estranei ghall-alfabett Malti u Ingliz fosthom l-ittra 'đ' d-Direttur intimat ghandu, minghajr bzonn ta' ebda interpellazzjoni gudizzjarja ohra izda biss bil-poter ta' din id-decizjoni, jbiddel l-ittri 'dj' fil-kunjom 'Mrden' jew 'Mrdjen' ghall-ittra 'đ' u ssir annotazzjoni ohra f'dan ir-rigward.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat in linea ma' dak deciz aktar il-fuq u sakemm huma nkompatibbli ma dawk hawn deciz, tghaddi sabiex tiprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament u tiddikjara u tiddeciedi illi kunjom ir-rikorrenti huwa dak skont l-att taz-zwieg Kroat u cioe "Debono Mrđen" izda li wkoll irrizulta li presentement mhux possibbli ghad-Direttur intimat li jindika l-ittra 'đ' fic-certifikat taz-zwieg Malti izda huwa possibbli li din l-ittra tigi ndikata bhala 'dj';

2. Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrent limitament u tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-att taz-

zwieg Malti tar-rikorrenti fis-sens illi kunjom ir-rikorrenti ghandu jibda jaqra "Debono Mrdjen" minflok "Debono Mrden" u kull fejn jirrizulta l-kunjom 'Mrden' fl-istess att dan jigi korrett ghal 'Mrdjen' u wkoll li titnizzel annotazzjoni taht il-kolonna tal-annotazzjonijiet li l-ittra 'đ' qed tigi indikata bhala 'dj' stante li s-sistema Maltija ma /taccettax il-karattru 'đ'. Tordna wkoll li f'kaz li fil-futur is-sistema uzata mid-Direttur intimat tibda tippermetti li jiddahlu karattri estranei ghall-alfabett Malti u Ingliz nkluz l- ittra 'đ', d-Direttur intimat ghandu fl-att taz-zwieg relattiv tar-rikorrent, minghajr bzonn ta' ebda interpellazzjoni gudizzjarja ohra izda biss bil-poter ta' din id-decizjoni, jbiddel l-ittri 'dj' fil-kunjom 'Mrdjen' kull fejn dan jirrizulta fl-att taz-zwieg ghal kunjom bl-ittra 'đ' cioe' 'Mrđen' u ssir annotazzjoni ohra f'dan ir-rigward. Tordna ghalhekk li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a tenur tal-artikolu 253 tal- Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaffetwa l-korrezzjonijiet mehtiega fuq l-att taz-zwieg Malti tar-rikorrenti kif indikat minn din il-Qorti.

3. Tilqa' r-raba' talba limitatament u tordna l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaffetwa l-korrezzjonijiet kif ordnati minn din il-Qorti fuq kwalunkwe att civili iehor fil-poter tad-Direttur intimat illi jirrifletti l-istess zball.

4. Tordna lir-Registratur tal-Qrati jinnotifika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku b'kopja tas-sentenza sabiex jaffetwa d-debiti korrezzjonijiet fiz-zmien ghaxar t'ijiem minn dak in-nhar tghaddi f'gudikat skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal- Ligijiet ta'Malta.

Bl-ispejjez in vista tan-natura straordinarja tal-kaz odjern jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Marzu, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu, 2023**